2024/1315

15.5.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1315

tat-22 ta' April 2024

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea matul it-58 sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikoluży tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija fir-rigward tal-emena għall-Appendiċi C tal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni ssieħbet fil-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija ("COTIF") tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata bil-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE [1].

(2) F'konformità mal-Artikolu 6 tal-COTIF, it-traffiku ferrovjarju internazzjonali u l-ammissjoni ta' materjal ferrovjarju għall-użu fit-traffiku internazzjonali,għandhom jiġu rregolati mir-regoli li huma elenkati f'dak l-Artikolu, b'mod partikolari r-"Regolament dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikoluży bil-Ferrovija (RID)", li jifforma l-Appendiċi C tal-COTIF.

(3) Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] tistabbilixxi r-rekwiżiti għat-trasport ta' oġġetti perikoluży bit-triq, bil-ferrovija jew bil-passaġġi fuq l-ilmijiet interni fl-Istati Membri jew bejniethom, b'referenza għall-RID.

(4) F'konformità mal-Artikolu 18 tal-COTIF il-Kumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikoluży tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija msemmi fl-Artikolu 13(1), il-punt (d), tal-COTIF ("il-Kumitat ta' Esperti tal-RID") jista' jadotta emendi, inter alia, għall-Anness tal-RID.

(5) Il-Kumitat ta' Esperti tal-RID, fit-58 sessjoni tiegħu fit-23 ta' Mejju 2024, huwa mistenni jadotta emendi biex jadatta l-Anness tal-RID skont il-progress xjentifiku u tekniku.

(6) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottataf'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat ta' Esperti tal-RID, peress li l-emendi tal-RID se jkunu vinkolanti għall-Unjoni.

(7) L-emendi previsti għandhom l-għan li jiżguraw it-trasport sikur u effiċjenti ta' oġġetti perikoluży bil-ferrovija filwaqt li jitqies il-progress xjentifiku u tekniku fis-settur, kif ukoll l-iżvilupp ta' sustanzi u oġġetti ġodda li jistgħu joħolqu periklu matul it-trasport tagħhom.

(8) L-emendi previsti jitqiesu xierqa għat-trasport sikur ta' oġġetti perikoluży b'mod kosteffettiv, u għalhekk jistgħu jiġu appoġġati.

(9) Jista' jintlaħaq qbil dwar tibdiliet minuri fid-dokumenti msemmija fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni f'livell tekniku waqt is-17-il sessjoni tal-grupp ta' ħidma permanenti tal-Kumitat ta' Esperti tal-RID tat-22 ta' Mejju 2024, inkluż abbażi ta' rakkomandazzjonijiet tal-Laqgħa Konġunta tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Kumitat ta' Esperti tal-RID u l-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikoluży tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE tas-16 ta' Ġunju 2011 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 (ĠU L 51, 23.2.2013, p. 1).

[2] Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikoluży (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni waqt it-58 sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikoluż tal-Organizzazzjoni għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija ("il-Kumitat ta' Esperti tal-RID"), fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata bil-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999, għandha tkun kif stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Jistgħu jiġu miftiehma bidliet minuri għad-dokumenti msemmija fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni mir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat ta' Esperti tal-RID mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Esperti tal-RID għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, b'indikazzjoni tad-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-22 ta' April 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

ANNESS

Proposta	Dokument ta' referenza	Kwistjoni	Kummenti	Pożizzjoni tal-UE
1.	OTIF/RID/CE/GTP/2023/3	Emenda tal-Kapitolu 1.4.2.2.7 tal-RID dwar ir-referenza għall-Fuljett UIC 472 (obbligu tat-trasportatur li jinforma lis-sewwieq dwar il-pożizzjoni ta' oġġetti perikolużi fil-ferrovija)	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF biex jiġi adottat it-test kif emendat	Taqbel
2.	OTIF/RID/CE/GTP/2023/4	Emenda tal-Kapitolu 5.3.4.1 tal-RID dwar id-dispożizzjonijiet għall-marki tax-shunting	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF biex jiġi adottat it-test kif emendat	Taqbel
3.	OTIF/RID/CE/GTP/2023/5	Emenda tal-RID biex jiġu inklużi d-dispożizzjonijiet għall-ġarr tal-aluminju mdewweb tan-numru NU 3257	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF biex jiġi adottat it-test kif emendat	Taqbel
4.	OTIF/RID/CE/GTP/2023/7	Emenda tal-Kapitolu 1.11 tal-RID biex tiġi introdotta referenza għall-aħħar edizzjoni tal-UIC IRS 20201	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF biex jiġi adottat it-test kif emendat	Taqbel
5.	OTIF/RID/CE/GTP/2023/8 u OTIF/RID/CE/GTP/2023/INF.10	Identifikazzjoni fid-dokument tat-trasport tal-vagun u, fejn xieraq, tal-kontejner il-kbir, tal-kontejner tank jew tat-tank li jista' jinġarr	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF biex jiġi adottat it-test kif emendat	Taqbel
6.	OTIF/RID/CE/GTP/2023/9	Emenda tal-Kapitolu 3.2.2 tal-RID biex tiġi introdotta referenza għall-UIC IRS 20221 minflok għall-fuljett tal-UIC 221	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF biex jiġi adottat it-test kif emendat	Taqbel
7.	OTIF/RID/CE/GTP/2023/10	Testi konsolidati adottati mil-Laqgħa Konġunta tal-2021 u tal-2022 u mill-grupp ta' ħidma permanenti tal-Kumitat ta' Esperti tal-RID f'Novembru 2022	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF biex jiġi adottat it-test kif emendat	Taqbel
8.	OTIF/RID/CE/GTP/2023/11	Siltiet mill-abbozz ta' rapport tal-114-il sessjoni tan-NUKEE WP.15 (Ġinevra, bejn is-6 u l-10 ta' Novembru 2023) (id-dokumenti ECE/TRANS/WP.15/2023/R.3 u Add. kif ukoll ECE/TRANS/WP.15/2023/R.4 u Add.)	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF biex jiġi adottat it-test kif emendat	Taqbel
9.	OTIF/RID/CE/GTP/2023/INF.4	Emenda tal-RID biex tiġi introdotta referenza għat-tielet edizzjoni tal-UIC IRS 50592	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF biex jiġi adottat it-test kif emendat	Taqbel
10.	ECE-TRANS-WP15-114-GE-inf7e	Proposta dwar kif għandu jiġi mmodifikat l-RID CW38 biex ikun permess il-ġarr bl-ingrossa ta' kategoriji speċifiċi ta' skart li fih l-asbestos (UN Nri 2590 u 2212)	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF biex jiġi adottat it-test kif emendat	Taqbel

Proposta	Dokument ta' referenza	Kwistjoni	Kummenti	Pożizzjoni tal-UE
11.	ECE-TRANS-WP15-114-GE-inf14e	Proposti dwar kif jiġu aġġustati l-Kapitoli 4.1 u 5.4 tal-RID biex ikun permess it-trasport tal-iskart fl-imballaġġi interni ppakkjati flimkien f'imballaġġ esterni	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF biex jiġi adottat it-test kif emendat	Taqbel
12.	ECE-TRANS-WP15-114-GE-inf19e	Emenda tal-RID 1.8.3.11 (b), it-tieni inċiż, biex jiġu speċifikati s-suġġetti għall-eżami għall-konsulenti tas-sikurezza	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF biex jiġi adottat it-test kif emendat	Taqbel

Id-dokumenti kollha ta' hawn fuq huma disponibbli fuq is-sit web tal-OTIF (http://otif.org/en/?page_id=7321 and http://otif.org/en/?page_id=7322) jew fuq is-sit web tan-NUKEE (https://unece.org/info/Transport/Dangerous-Goods/events/377548 u għandhom jinftiehmu bħala li jinkludu l-emendi diskussi fil-grupp ta' ħidma permanenti tal-Kumitat ta' Esperti tal-RID ta' Novembru 2023 u riflessi fl-Anness I tad-Dokument OTIF/RID/CE/GTP/2023-A (Ir-Rapport finali tas-16-il sessjoni tal-grupp ta' ħidma permanenti tal-Kumitat ta' Esperti tal-RID — Londra, bejn l-20 u t-23 ta' Novembru 2023), disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-OTIF (http://otif.org/en/?page_id=254).